MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1223/1992/1

**Ronald Briffa**

**Vs**

**Jacqueline Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti konjugi Briffa kienu qeghdin involuti f'negozjati promossi mill-konvenuta, intizi biex iwasslu ghal kuntratt ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti (Dok. A);

Premess illi l-attur illi jahdem bhala kok fil-"Mellieha Bay Hotel" siefer lejn il-Germanja bejn l-10 ta' Ottubru u t-22

ta’ Ottubru 1992 biex jippartecipa f’kompetizzjoni u dan ghamlu bil-kunsens u l-konsapevolezza tal-konvenuta martu illi nkoraggietu jippartecipa;

Premess illi fit-22 ta’ Ottubru 1992 l-attur irritorna fid-dar konjugali gewwa Number two (2), Carent Court, Francesco Buhagiar Street, B’Kara u sab illi din giet ghal kollox svojtata mill-konvenuta illi ma halliet assolutament xejn fid-dar konjugali;

Premess illi l-oggetti kollha elenkati fl-anness elenku (Dok. B) ittiehdu illegalment mill-konvenuta;

Premess illi l-imsemmija oggetti jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Galea jew li l-gid parafernali ossija partikolari ta’ l-attur u ghalhekk huma esklussivament amministrabbli mill-attur;

Premess illi interpellata verbalment mill-attur biex tirritorna l-imsemmija oggetti, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-imsemmija oggetti elenkati fl-anness inventarju Dok. B jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u lill-gid parafernali ossija partikolari ta’ l-attur;

2. Tordna lill-konvenuta sabiex tirritorna l-istess oggetti fit-terminu qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss ghal dan l-iskop minn dina l-istess Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors ghall-urgenza u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-oggetti kollha li hija elevat mid-dar konjugali huma proprjeta` parafernali taghha u apparti dan ittiehdu bil-kunsens u approvazzjoni ta’ l-attur;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 102 u 103 tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-3 ta' Mejju tas-sena 2000;

Rat in-noti pprezentati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza giet istitwita mill-attur wara li martu telqet mid-dar matrimonjali u hadet maghha bosta oggetti mill-fond; u permezz taghha talab li l-konvenuta tirritorna l-oggetti li kienet hadet peress li l-oggetti minnu elenkati

kienu jew parafernali tieghu jew jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti;

Illi jrid jigi rilevat li din il-kawza giet prezentata fit-23 ta’ Ottubru 1992 meta il-ligi vigenti dwar il-materja kienet tipprospetta azzjoni simili izda bl-emendi li dahlu fil-mori d-dritt fuq l-amministrazzjoni tal-komunjoni gie varjat;

Illi ghalhekk il-Qorti taqbel ma’ l-abbli relatur li “... il-ligi giet emendata fis-sens li din (tal-komunjoni ta’ l-akkwisti) l-amministrazzjoni giet vestita ukoll fil-mara. Ghalhekk filwaqt li dak iz-zmien, kieku pprova l-kawza tieghu kien ikollu dritt li jitlob ir-ritorn ta’ dawn l-oggetti, illum jista’ jitlob biss il-qasma taghhom. Ovvjament trattandosi ta’ *jus superveniens* f’dan l-ambitu ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta’ l-ispejjez”;

Illi meta pprezenta r-rapport hu issuggerixxa li t-talbiet attrici kellhom jigu respinti; in segwitu l-attur esebixxa xi dokumenti ta’ oggetti li kien xtara hu fl-1990 u fl-1991 oltre cheque favur Carmelo Pace ghall-ammont ta’ Lm222.60. Fl-eskussjoni tieghu l-perit legali wara li ha konjizzjoni ta’ dawn id-dokumenti, esprima l-opinjoni li “kieku hadt konjizzjoni ta’ dawn id-dokumenti l-konkluzjoni tieghi kienet tkun ftit differenti”;

Illi l-attur jallega li seta jirrintracca biss dawk id-dokumenti peress li huwa jsostni li meta l-konvenuta telqet mid-dar hadet anki d-dokumenti li hasset li kienu jinteressawha;

Illi jidher li l-partijiet fil-mori ta’ dawn il-proceduri ffirmaw kuntratt ghal separazzjoni personali izda donnu li ma ftehmux fuq il-mobbli u din il-materja thalliet ghal din id-decizjoni;

Illi z-zewg partijiet jaqblu li (hlief ghad-dokumenti finali) l-attur, li ghamel il-kawza irid jipprova il-premessi tieghu, imma una volta kif gja inghad, il-kompitu tal-Qorti inbidel biex nghidu hekk ghal wiehed ta’ divizjoni tal-komunjoni, allura il-posizzjoni mhix daqshekk semplici – il-piz ta’ l-oneru tal-prova ma jibqax fuq naha wahda;

Illi hawn il-Qorti ikollha tidhol sew fil-kwistjoni tal-kredibilita`; sal-mument tal-prezentata tar-rapport il-posizzjoni kienet izjed semplici ghax il-Qorti kellha verzjoni kontra ohra u dificcli biex tistabbilixi minn qed jghid is-sewwa u ghalhekk il-posizzjoni tal-perit legali fir-rapport tieghu kienet gustisfikata;

Illi l-posizzjoni kif ukoll minnu osservata, kienet tinbidel kieku kellu dawk id-dokumenti quddiemu qabel irrediga ir-rapport.  Dawn id-dokumenti jinkrinaw serjament il-verzjoni tal-konvenuta li sa dak il-hin kienet pjuttost limpida.  Fl-affidavit taghha, meta rreferit ghal-listi mhejjija mill-attur stqarret bl-ingliz: "*It is very important to point that various items on his list are fictitious ... When I asked him why he lied about these items, because he knew they were mine – he replied* 'bilfors kelli nigded'."  Fost dawn l-oggetti fittizji elenkat video Hi-Fi Stereo (4 in 1 stereo).  Sa hawn il-gudikant ma kellu ebda raguni jiddubita l-veracita` ta' l-istqarrija tal-konvenuta; il-posizzjoni tbiddlet mal-prezentata ta' dawk id-dokumenti li juru li almenu is-sistema tal-video stereo kienet tezisti ghalkemm anke fix-xhieda taghha quddiem il-perit legali baqghet tghid li ma jezistux;

Illi minhabba l-importanza tal-kredibilita` il-Qorti fliet bir-reqqa l-bosta xhieda oltre l-affidavit li tressqu ghalkemm dawn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza odjerna. Ghalkemm il-konvenuta dehret ferm aktar preparata u organizzata fl-esposizzjoni tal-kaz taghha, la hi u anqas l-attur ma specifikaw l-oggetti li halliet meta telqet; waqt lil-attur jaghti stampa li hadet sal-imsiemer minn mal-hajt, il-konvenuta issottomettiet li hallietlu bizzejjed biex ikompli d-dar;

Illi l-kredibilita ta' l-attur xejn ma irrizultat soda l-aktar meta jelenka il-main bedroom, dining room u sitting room bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; dwar dan il-konvenuta ressqet provi aktar minn sufficjenti;

Illi din il-Qorti, oltre dak li intqal dwar il-kambjament tat-talba mir-ritorn ta' l-oggetti ghal divizjoni sejra wkoll tipprova tasal ghal divizjoni *arbitrio boni viri* u dan anke

biex tipprova tevita proceduri ulterjuri – din tista' tidher estensjoni tal-mansjonijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-Citazzjoni anki peress li l-attur ma ressaqx provi sufficjenti dwar dan u fid-dawl ta' l-emendi fil-ligi rilevanti ta' l-1993 tiddividi l-komunjoni u l-beni parafernali billi tordna li kull parti ghandha izzomm a saldu ta' sehemha il-beni kollha li prezentement jinsabu fil-pussess taghha b'dan li l-konvenuta qed tigi kundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm436) ghal nofs il-valur li hargu mid-dokumenti esebiti mill-istess attur. Dan il-pagament ghandu jsir, bla imghax, fi zmien sitt xhur minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.